15 ta' Mejju, 1951.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Tabib Calcedonio Zammit, M.D. *versus* Frank Agius, O.B.E. et ne.

**Elezzjonijiet — Assemblea Leġislativa — "Election Petition" — Appell — Ċitazzjoni — Nullità — Proċedura.**

*Il-proċediment quddiem il-Qorti ta' l-Appell, skond is-sistema proċedurali tagħna, huwa per mezz ta' petizzjoni fil-każ ta' appelli*

*minn deċiżjonijiet ta' Qrati Superjuri ta' l-Ewwel Istanza, jew b'rikors fil-każijiet espressament imsemmijin fil-liġi. Fil-każijiet l-oħra, meta t-talba tkun ġiet quddiem il-Qorti ta' l-Appell bħala tribunal ta' l-ewwel istanza, għandha tinġieb quddiem il-Qorti ta' l-Appell per mezz ta' ċitazzjoni.*

*Talba għall-għadd mill-ġdid tal-voti mogħtija fl-okkażjoni ta' elezzjoni ta' membri ta' l-Assemblea Leġislativa, dak i jekk l-att li bih issir dik it-talba jiġi msejjaħ "Election Petition", hija irritwali, u għalhekk nulla, jekk tiġi magħmula mhux b'ċitazzjoni, apparti minn eċċezzjonijiet oħra li jistgħu jingħataw kontra dik it-talba.*

Il-Qorti. — Rat l-att li l-attur sejjaħ Petizzjoni Elettorali — "Election Petition" — fejn issottometta illi huwa kien kandidat tal-Malta Labour Party għall-elezzjoni ta' l-1951 għal membri ta' l-Assemblea Leġislativa fl-elezzjoni tar-Raba' Distrett; illi ġie annunzjat pubblikament, fuq direttivi tal-Kummissarju ta' l-Elezzjonijiet, li huwa ma ġiebx il-voti meħtieġa biex ikun elett, u li ġiet eletta l-Onorevoli Mabel Strickland, b'29 vot aktar minnu; li qabel ma ġie annunzjat il-premess huwa talab "re-count" ta' l-aħħar "count", jiġifieri tal-ħdax il-wieħed, li ġie konċess; illi rriżulta li f'dak il-ħdax-il "count" kien hemm vot bi żball, u li, minħabba preferenza reġistrata fuqu, kien imissu f'"counts" preċedenti, li b'dan il-mod ma sarux sewwa; illi f'wieħed mill-"counts" preċedenti ġie dikjarat illi l-kandidat Antonio Pullicino ġieb tliet voti taħt il-kwota; li fil-każ li ġieb il-kwota sħiħa, it-transfers susseg wenti setgħu jagħtu riżultat differenti minn dak li ġie annunzjat; li in vista ta' dan huwa talab li din il-Qorti jogħġobha tordna li jsir "re-count" intier tar-Raba' Distrett kollu għall-aċċertament tar-riżultat, u dana bil-modifiki meħtieġa skond ma jirriżulta;

***Omissis:***

Ikkunsidrat;

Illi l-forma ta' proċediment quddiem dina l-Qorti, skond is-sistema proċedurali tagħna, huwa per mezz ta' petizzjoni fil-każ ta' appelli minn deċiżjonijiet ta' Qrati Superjuri ta' Prima Istanza, jew b'rikors fil-każi espressament preskritti u kontemplati mil-liġi; fil-każijiet l-oħra kollha, meta t-talba tkun ġiet quddiem dina l-Qorti bħala Tribunal ta' Prima Istanza — u dana fil-każi straordinarji kontemplati mill-Liġi

tal-Proċedura — hija per mezz ta' att ta' ċitazzjoni. L-att li bih jressaq it-talba l-attur, sija jekk tikkunsidrah bħala rikors, sija jekk tikkunsidrah bħala petizzjoni fis-sens kontemplat mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, mhuwiex il-forma ritwali li biha għandu jinbeda l-proċediment quddiem dina l-Qorti; l-għaliex, apparti kull kwistjoni jew eċċezzjoni oħra, il-forma setgħet tkun biss dik ta' att ta' ċitazzjoni;

Għaldaqstant tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuti, u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attur.